| | | |
|---|---|---|
| H | 36° 01'.593 | 014° 18'.236 |
| I | 36° 01'.546 | 014° 18'.225 |
| J | 36° 01'.563 | 014° 18'.125 |
| K | 36° 01'.482 | 014° 18'.111 |
| L | 36° 01'.443 | 014° 18'.144 |
| M | 36° 01'.349 | 014° 17'.977 |
| N | 36° 01'.388 | 014° 17'.944 |

(kif muri f'ċart B fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt))

Il-bastimenti li jixtiequ jsegwu l-bastiment Ro-Ro "Ta' Pinu" mat-tluq mill-Imġarr u kull bastiment li jingħaqad mal-konvoj għandhom f'kull ħin, iżommu distanza minima ta' 100 metru mill-bastiment Ro-Ro "Ta' Pinu" u qatt m'għandhom ifixxklu il-passaġġ sikur tal-bastiment.

Kwalunkwe tibdil fl-iskeda jiġi kkomunikat minn VTS Valletta fuq channel 12 u Mġarr Port Control fuq channel 10.

Il-bastimenti għandhom iħarsu l-istruzzjonijiet maħruġa mit-Transport Malta, Valletta VTS, Mġarr Port Control, il-Forzi Armati ta' Malta u l-Pulizija.

Ċarts affettwati: BA Chart 177, 211, 2537, 2538

Pożizzjonijiet riferiti għal WGS 84 Datum.

Id-29 ta' Marzu, 2022

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti**

Minħabba s-sitwazzjoni attwali, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti jixtieq jinforma lil entitajiet reġistrati dwar is-sanzjonijiet ġodda fuq l-importazzjoni ta' njam u prodotti tal-injam mir-Russja u l-Belarus.

Qabel ma' jinxtara injam u prodotti tal-injam minn pajjiżi terzi, l-operaturi dejjem huma meħtieġa jwettqu diliġenza dovuta u, minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti fir-Russja u l-Belarus, ir-riskju ta' njam maħsud illegalment ma jistax jiġi mitigat għal wieħed negliġenti. B'konsegwenza, importazzjoni ta' injam u prodotti tal-injam b'riskju li mhux negliġenti, jkun illegali. B'hekk, l-operaturi huma mitluba jkunu iżjed kawti f'dan iż-żmien, anki f'importazzjoni ta' njam u prodotti tal-injam minn pajjiżi terzi oħra bħall-Ukranja, u ssir valutazzjoni kompluta tar-riskju li jinxtara njam maħsud b'mod legali u jiġi mitigat dan ir-riskju.

Sanzjoni tal-UE fuq il-Belarus, Regolament 355/2022 – Implimentata mit-2 ta' Marzu, 2022 sa Ġunju, 2022.


| | | |
|---|---|---|
| H | 36° 01'.593 | 014° 18'.236 |
| I | 36° 01'.546 | 014° 18'.225 |
| J | 36° 01'.563 | 014° 18'.125 |
| K | 36° 01'.482 | 014° 18'.111 |
| L | 36° 01'.443 | 014° 18'.144 |
| M | 36° 01'.349 | 014° 17'.977 |
| N | 36° 01'.388 | 014° 17'.944 |


(as shown on Chart B on Transport Malta website (www.transport.gov.mt))

Vessels wishing to follow the Ro-Ro vessel "Ta' Pinu" on departure from Mġarr and any vessel joining the convoy must at all times, maintain a minimum distance of 100 metres from the Ro-Ro vessel "Ta' Pinu" and must never impede the safe passage of the vessel.

Any changes to the schedule will be communicated by VTS Valletta on channel 12 and Mġarr Port Control on channel 10.

Vessels are to comply with instructions issued by Transport Malta, Valletta VTS, Mġarr Port Control, the Armed Forces of Malta and the Police.

Charts affected: BA Chart 177, 211, 2537, 2538

Positions referred to WGS 84 Datum.

29th March, 2022

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, FOOD AND ANIMAL RIGHTS

**Plant Protection Directorate**

In view of the current situation, the Plant Protection Directorate would like to inform registered MOR's with new sanctions on timber and timber derived products from the Russian federation and Belarus.

Before sourcing timber products from third countries operators must always carry out a due diligence exercise and, given the current circumstances in Russia and Belarus, timber risk cannot be mitigated to negligible. Therefore, importation of products with no negligible risk would be illegal. Operators should, at this time, practice added caution when importing timber and timber products from other third countries such as Ukraine and carry out a full risk assessment on the risk of timber being illegally harvested and effectively mitigate this non-negligible risk.

EU sanction on Belarus Regulation 355/2022 - the day of the enactment is 2nd March, 2022 until June, 2022. An

L-operaturi xorta waħda jistgħu jimpurtaw konsenji li ġew ordnati qabel it-2 ta’ Marzu, 2022. Il-prodotti inklużi f’din is-sanzjoni huma tal-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (HS) 44. Is-sanzjoni ma tinkludix kodiċi oħrajn bħal karti u għamara li jaqaw taħt EUTR.

Mit-8 ta’ Marzu, 2022 sal-31 ta’ Diċembru, 2022, ir-Russja projbixxit l-esportazzjoni ta’ njam li jaqa’ taħt kodiċi HS 4401.21 , 4402.22, 4403 u 4408, lil pajjiżi tal-UE.

Id-29 ta’ Marzu, 2022

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Skema ta’ Għajnuna li tkopri l-Ħażna Privata tal-Laħam tal-Majjal**

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, tgħarraf illi se jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-għajnuna li tkopri nefqa finanzjarja relatata mal-ħażna privata tal-laħam tal-majjal bejn il-Ġimgħa, 25 ta’ Marzu, 2022 u l-Ġimgħa, 29 ta’ April, 2022 mis-7.30 a.m. san-12.30 p.m.

L-applikazzjonijiet u l-linji gwida jistgħu jinġabru u jimtlew mill-Front Office tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, il-Pitkalija, Ta’ Qali limiti ta’ Ħ’Attard f’Malta u/jew mill-Uffiċċju ta’ Għawdex fil-Farm Sperimentali tal-Gvern, Triq l-Imġarr, ix-Xewkija, Għawdex. Kopja elettronika tal-applikazzjoni tista’ tiġi mitluba billi tintbagħat email fuq (arpa.mafa@gov.mt).

Il-linji gwida jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Aġenzija.

Applikazzjonijiet sottomessi wara n-12.30 p.m. tad-29 ta’ April, 2022 mhux se jkunu aċċettati.

Aktar informazzjoni tista’ tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Aġenzija (https://agrikoltura.gov.mt/en/arpa/Pages/ARPAhome.aspx), fuq Tel. Nru 22926148 (Malta) jew bill tinbagħt email fuq (arpa.mafa@gov.mt).

Id-29 ta’ Marzu, 2022

operator can still import consignments ordered before 2nd March, 2022. Product scope of sanctions includes HS code 44. Sanctions do not include other HS codes such as paper and furniture which fall under EUTR.

As of 8th March, 2022, till 31st December, 2022, Russian Federation banned exports of wood falling under HS codes 4401.21, 4402.22, 4403 and 4408, to all EU states.

29th March, 2022

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, FOOD AND ANIMAL RIGHTS

**Aid Scheme for the Private Storage for Pigmeat**

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries, Food and Animal Rights (MAFA), wishes to notify prospective applicants that applications for the Aid Scheme covering the private storage for pigmeat are being accepted from 25th March, 2022 to 29th April, 2022 between 7.30 a.m. and 12.30 p.m.

Application Forms and guidelines may be collected and sent to the Front Office of the Agriculture and Rural Payments Agency, Pitkali Markets, Ta’ Qali, l/o Ħ’Attard and/or at the Gozo Office, Government Experimental Farm, Triq l-Imġarr, Xewkija, Gozo. An electronic copy of the Application Form may be requested by email sent to (arpa.mafa@gov.mt).

The Guidelines may also be downloaded from the Agency’s website.

Applications received after 12.30 p.m. on the 29th April 2022 will not be accepted.

Further information may be obtained from the Agency’s website on (https://agrikoltura.gov.mt/en/arpa/Pages/ARPAhome.aspx), on Tel.No. 22926148 (Malta) or by sending an email to (arpa.mafa@gov.mt).

29th March, 2022

Għajnuna ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG)

*Financed by the European Union*
*European Agricultural Guarantee Fund (EAGF)*